# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 211/2016/VG**

**Kunsill Lokali Ta' Sliema**

**Vs**

**Nectar Limited u b'digriet datat 29 ta' Awwissu, 2016 s-socjeta Elmo Insurance Limited giet ammessa tintervjeni in statu et terminis**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mill-Kunsill Lokali rikorrenti fil-31 ta' Mejju, 2016** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' tlett elef u tlett euro [€3,300] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi impjegat tas-socjeta konvenuta Nectar Limited waqt li kien qieghed isuq il-vettura BCB-012 proprjeta ta' l-istess socjeta gewwa Triq Bisazza, f'Ta' Sliema, waqt il-qadi ta' dmirijiet baqa diehel f'bollard proprjeta tal-Kunsill attur u ikkaguna danni fis-sistema tal-

bollards fl-ammont ta' €3,300 u dan hekk kif jirrizulta mill-ircevuta annessa.

Illi s-socjeta Elmo Insurance Limited fil-passat fethet kawza 706/14 kontra l-imsemmi Kunsill fejn allegat li s-sistema tal-bollards immalfunzjonat izda l-provi prodotti indikaw illi l-bollards fil-fatt kienu jahdmu kif mistennija u li l-hsara saret kagun sewqan traskurat u negligenti tal-impjegat tas-socjeta Nectar Limited.

Illi t-Tribunal ghadda sabiex iddecieda billi cahad it-talba tas-socjeta Elmo Insurance Limited u sab illi l-incident kien proprju u unikament tort tax-xufier tal-vettura.

Illi minkejja interpellati sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti permezz ta' ittra ufficjali, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali ref: 2327/2014"

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-8 ta' Gunju, 2016 u li minkejja din, hija baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra l-verbal tal-14 ta' Lulju, 2016 fejn gie allegat mal-process odjern l-atti tat-Talba bin-numru 706/2014 fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Sliema deciz minn dan it-Tribunal kif diversament ippresedut fit-13 ta' Lulju, 2015.

Ra r-rikors datat 29 ta' Awwissu, 2016 u li permezz taghha, s-socjeta Elmo Insurance Limited talbet li tintervjeni f'dawn il-proceduri, liema talba intlaqghet permezz ta' digriet datat 29 ta' Awwissu, 2016.

Ra l-verbal datat 6 ta' Ottubru, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Il-Kunsill Lokali rikorrenti permezz tat-talba odjerna qieghed jitlob il-hlas minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' €3,300 rapprezentanti danni li impjegat taghha ghamel fis-sistema tal-bollards proprjeta tieghu waqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni BCB-012 proprjeta ta' l-istess socjeta intimata. Illi din il-hsara, kompla jghid il-Kunsill rikorrenti saret kagun sewqan traskurat u negligenti tal-impjegat tas-socjeta intimata.

2. Is-socjeta intimata minkejja li giet debitament notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta fit-terminu li trid il-ligi. Minkejja dan, permezz ta' digriet datat 29 ta' Awwissu, 2016 is-socjeta Elmo Insurance Limited giet awtorizzata tintervjeni in statu et terminis.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. F'dan il-kaz, xehed bil-procedura ta' l-affidavit Matthew Dimech, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Sliema u qal li fid-9 ta' Mejju, 2013 kien sar rapport li x-xufier tas-socjeta intimata kien baqa diehel gewwa bollard proprjeta tal-Kunsill rikorrenti u ghamel hsara fiha. Il-Kunsill rikorrenti sewwa din il-hsara ikkawzat mix-xufier tas-socjeta intimata u hallas is-somma at' €3,300 lil Alberta Fire & Security Equipment Limited skont ma jirrizulta mill-fattura datata 28 ta' Novembru, 2014 (fol. 13).

4. Mill-atti tat-Talba bin-numru 706/14/KPS fl-ismijiet Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghhom Nectar Limited vs Sliema Local Council jirrizulta li s-socjeta Elmo Insurance Limited kienet giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta Nectar Limited ghar-rigward ta' hsarat li l-vettura, proprjeta ta' din l-ahhar socjeta, kienet garbet minhabba Bollard li kienet tinsab f'Bisazza Street, Sliema u li hija proprjeta tal-Kunsill Lokali

Sliema. F'dik il-kawza irrizulta li Alan Micallef, impjegat tas-socjeta Nectar Limited, kien qieghed isuq il-vettura targata BCV-012 fi Triq Bisazza Sliema nhar id-9 ta' Mejju, 2013. Dak il-hin huwa kien qieghed jaghmel xoghol ghas-socjeta Nectar Limited billi kien qieghed jaghmel xi deliveries fl-inhawi. Dan it-Tribunal, fid-decide tas-sentenza qal li "*Ihoss illi t-tezi l-aktar kredibbli huwa li s-sewwieq kien negligenti u dahal fil-bollard waqt li kien niezel. Tant illi bil-habta waqfet ghaliex ma setghatx tinzel filwaqt li t-tieni bollard kompliet tinzel. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi thoss illi ghandha tichad it-talbiet attrici*" (fol. 55).

5. Illi din il-kawza tal-lum hija ntiza sabiex il-Kunsill rikorrenti jigi indennizat ghal hsara li garrab fil-bollard imsemmija minhabba dan l-incident hawn fuq imsemmi. Illi mehud kollox in konsiderazzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kunsill rikorrenti irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk is-socjeta intimata ghandha thallsu d-danni minnu sofferti fl-ammont ta' tlett elef u tlett mitt euro [€3,300] liema ammont qatt ma gie ikkontestat f'dawn il-proceduri, apparti li jirrizulta mid-dokument li jinsab esebit a fol. 13 tal-process. Wara kollox, kien l-addett tas-socjeta intimata li kkawza dan id-dannu waqt li dan kien qieghed jaghmel xoghol ghal istess socjeta intimata u konsegwentement hija ghandha twiegeb ghal istess.

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tal-Kunsill rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-Kunsill rikorrenti l-ammont ta' tlett elef u tlett mitt euro [€3,300] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe l-31 ta' Mejju, 2016 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, kif mitluba, huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**